**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Frar, 2021**

**Mandat Nru: 167/2021/1 AF**

**Mary Anne Vella**

**vs**

**John Falzon, Josephine Falzon, Anne Pace**
**u Saviour Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mary Anne Vella li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet izomm lil John Falzon, Joseph Falzon, Anne Pace u Saviour Falzon milli jbieghu jew jittrasferixxu jew jikkoncedu taht kwalunkwe titolu reali jew personali jew b'kull mod iehor jghabbu bi kwalunkwe piz u/jew jbieghu jew jittrasferixxu jew jikkoncedu taht kwalunkwe titolu kwalsiasi dritt reali u/jew personali fuq, il-proprjeta' konsistenti fid-dar numru sitta (6) bl-isem 'Duluri' bil-garaxx anness numru erbgha (4), fi Triq Turu Lentini, qabel numru mitejn u wiehed u tmenin (281), Triq id-Duluri, Hamrun.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba.

Rat l-Art 873 u l-gurisprudenza relattiva.

Qieset illi jirrizulta illi r-rikorrenti xtrat l-arja sovrastanti l-immobbli mertu tal-proceduri minghand missier l-istess intimati. Hija akkwistat ukoll nofs indiviz tal-partijiet komuni.

Jidher madanakollu illi l-att pubbliku relattiv ma indika ebda dettall dwar kif effettivament ser jigi kostruit l-access ghall-proprjeta' kif akkwistata mir-rikorrenti. Lanqas ma jinkludi pjanta annessa li tindika fejn ser jigu kostruwiti l-partijiet komuni li taghhom ir-rikorrenti tidher li akkwistat ukoll nofs indiviz. Fic-cirkostanzi, ghalkemm il-bejgh tal-fond m'huwiex ser jeffettwa t-titolu fuq l-arja, jibqa' minghajr identifikazzjoni preciza is-sehem indiviz tal-partijiet komuni eventwali.

Dan in-nuqqas ta' certezza jista' jwassal biss ghall-moltiplikazzjoni ta' proceduri gudizzjarji bl-involviment ta' aktar nies. Galadarba l-intimati assumew l-oneru li tghabba bih l-ante causa taghhom ikun ghaqli li l-vertenzi jigu solvuti minnhom.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi jinsab sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba ta’ Mary Anne Vella kif kontenuta fir-rikors taghha tad-29 ta’ Jannar, 2021. Il-Qorti tidderiegi lir-Registratur jeffettwa r-registrazzjoni kif trid il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF